MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1249/2000/1

**Antoine Cachia Caruana**

**vs**

**Carmel Cachia Caruana**

.

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi fid-29 ta’ Jannar 1998 miet Luigi Cachia Caruana, armel ta’

Mary Cachia Caruana u missier il-partijiet u li l-wirt tieghu huwa regolat b’ (a) testment *unica charta* ricevut minn Nutar George Bonello Dupuis fil-21 ta’ Marzu 1983; (b) testment iehor *unica charta* ricevut mill-istess nutar fit-18 ta’ Ottubru 1983 u (c) testment iehor ricevut minn Nutar Victor John Bisazza fil-11 ta’ Dicembru 1990, kopji ezebiti bhala dokumenti A, B, C; illi bl-ewwel testment fuq imsemmi it-testaturi, fost dispozizjonijiet ohra, kienu innominaw lit-tliet uliedhom Joseph, Carmel u Antoine bhala eredi soggetta dina n-nomina ghall-uzufrutt reciproku; illi bit-tieni imsemmi testment l-imsemmi Luigi Cachia Caruana u martu Mary kienu (a) biddlu in-nomina ta’ eredi billi nnominaw bhala eredi liz-zewg uliedhom Joseph Cachia Caruana u l-attur Antoine Cachia Caruana biss fi kwoti indaqs bejniethom u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom u hallew l-uzufrutt tat-terza parti tal-assi taghhom lil binhom Carmel Cachia Caruana, konvenut f’din il-kawza; illi Joseph Cachia Caruana miet minghajr tfal u dixxendenti fl-10 ta’ April 1993 u ghalhekk qabel missieru b’rizultat li bis-sahha tal-principju tal-akkrexximent l-attur huwa l-uniku eredi ta’ missier il-partijiet Luigi Cachia Caruana, salv il-legat favur il-konvenut Carmel Cachia Caruana tal-uzufrutt *vita durante* ta’ terza parti tal-assi tieghu; illi fost l-assi ta’ Luigi Cachia Caruana fil-gurnata tal-mewt tieghu kien hemm diversi oggetti mobbli inkluz l-ghamara u hwejjeg mobbli ohra tal-abitazzjoni originali tieghu u cioè l-appartament Flat 5 Block 2 St John Square, Valletta liema appartament però huwa fil-pussess esklussiv tal-konvenut; illi l-konvenut ghalkemm interpellat kemm il-darba biex jersaq ghal qasma tal-kontenut tal-istess appartament fi tliet porzjonijiet biex wahda tigi assenjata lill konvenut in ususfrutt *vita durante* u t-tnejn l-ohra flimkien man-nuda propjetà tal-ewwel wahda lill-attur, minkejja hafna promessi, naqas li jersaq u jaghti access lill-attur biex jorganizza dina l-qasma; talbu ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tistabilixxi x’kien il-kontenut tal-fond Flat 5 Block 2 St John Square Valletta meta miet Luigi Cachia Caruana; 2. taqsam, bl-ghajnuna ta’ periti nominandi, l-istess kontenut fi tliet porzjonijiet ugwali biex wahda tigi assenjata taht id-direzzjoni tal-istess perit, bix-xorti lill-konvenut in ususfrutt u t-tnejn l-ohra flimkien man-nuda

propjetà ta’ l-ewwel wahda bix-xorti lill-attur; 3. tinnomina kuratur biex jidher ghal kull eventwali kontumaci fil-qasma relattiva; 4. tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attur il-pussess taz-zewg porzjonijiet lilu hekk assenjati fi zmien qasir u perentorju; 5. fil-kas li l-istess zmien jghaddi inutilment, tawtorizza lil-attur jiehu pussess huwa stess ta’ dak assenjat lilu u jekk hemm bzonn jisgassa taht id-direzzjoni ta’ marixxal jew ufficjal iehor tal-Qorti; bl-ispejjez inklusi dawk tal-mandat ta’ deskrizzjoni prezentat kontestwalment kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni u b’rizerva ghal kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relattivi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi huwa qatt ma rrifjuta li jaqsam l-ghamara u l-oggetti kollha li kienu jezistu fil-mument tal-mewt ta’ missier il-kontendenti u jassenja lill-attur, huh, il-parti li tispetta lilu purchè huwa jiehu sehemu mill-istess eredità filwaqt li l-attur dejjem irrifjuta u ghadu jichad li ihallsu tal-parti li tispetta lilu u ghaldaqstant huwa qed jipprevalixxi ruhu minn din il-kawza sabiex jirrikonvenzjona lill-attur bil-mod li gej aktar ’l isfel;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat l-att rikonvenzjonali tal-konvenut illi permezz tieghu, wara illi ppremetta illi *ai termini* tal-ahhar testment ta’ missier il-kontendenti tal-11 ta’ Dicembru 1990 fl-atti tan-nutar Dottor Victor John Bisazza LL.D., it-testatur halla, b’titolu ta’ prelegat lill-kontendenti, f’sehem indaqs bejniethom, l-appartament numru 3, Valley View Court, Zaccheus Street, Msida; illi missier il-kontendenti iddona nofs indiviz tal-istess appartament lill-konvenut/rikonvenzjonant permezz tal-kuntratt tat-22 ta’ Marzu 1991; illi meta l-istess partijiet bieghu u trasferew l-istess appartament, fid-9 ta’ Mejju 2000, ir-rikavat tal-istess appartament ma inqasamx bejn il-kontendenti, fi kwoti ta’ tlett kwarti tar-rikavat lill-konvenut u l-kwart l-iehor

lill-attur, izda l-attur zamm nofs l-istess rikavat; illi *ai termini* tal-precitat testment, huwa ghandu dritt ghall-kwart iehor mir-rikavat tal-bejgh tal-istess appartament, stante li nofs huwa già tieghu *tramite* il-kuntratt ta' donazzjoni fuq citat u ghalhekk ghad ghandu id-dritt li jircievi in-nofs li jispetta lilu mir-rimanenti parti tal-istess appartament; illi l-attur mitlub sabiex ihallas l-ammont ta' Lm6625, appartenenti lill-konvenut, kif fuq inghad, mir-rikavat tal-imsemmi appartament (Lm26500) kif imnizzel fl-istess kuntratt ta' vendita pubblikat minn-nutar Dottor Maurice Gambin LL.D. fid-9 ta' Mejju 2000, baqa' inadempjenti; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex (1) tiddikjara li l-konvenut huwa intitolat ghal kwarta parti mir-rikavat tal-bejgh tal-appartament imsemmi, rappresentanti sehemu mill-prelegat lilu imholli minn missier il-kontendenti; (2) tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas l-ammont ta' Lm6625, rappresentanti l-imsemmija kwarta parti, (3) ihallas l-imghax legali kalkolabbli mid-9 ta' Mejju 2000 u cioè mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi; bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat ingunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-attur ma ghandu jaghti xejn lill-konvenut, wisq anqas is-somma ta' Lm6625 rapprezentanti kwart mir-rikavat tal-bejgh tal-appartament 3 Valley Court, Zaccheus Street, Msida, stante li r-rikavat inqasam skond il-kwota tal-propjetà ta' nofs indiviz kull wiehed mill-partijiet fl-istess appartament;

2. Illi l-legat fit-testment tal-11 ta' Dicembru 1990 (Dok C mac-citazzjoni) tal-istess appartament favur il-partijiet, nofs indiviz kull wiehed, kien gie adempit favur il-konvenut (biss) *ai termini* tal-Artikolu 702(3) Kap 16 bis-sahha tal-kuntratt ta' donazzjoni tat-22 ta' Marzu 1991 ippublikat minn-Nutar Victor J Bisazza;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza tas-sittax (16) ta' Ottubru, 2002 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili wara li rrespingiet il-kontro-talba tal-konvenut, iddecidiet hekk:
"tilqa' t-talbiet attrici u tistabilixxi l-kontenut tal-fond Flat 5 Block 2 St John Square, Valletta meta miet Luigi Cachia Caruana bhala dak li hemm indikat fid-dok AC1 a fol. 26;

"Taqsam l-istess kontenut fi tliet porzjonijiet ugwali biex wahda tigi assenjata bix-xorti lill-konvenut in uzufrutt u t-tnejn l-ohra flimkien man-*nuda propjetà* ta' l-ewwel wahda bix-xorti lill-attur u dana skond id-dokument AC2 a fol. 33;

"Tinnomina lil Dr. Philip Manduca LL.D., bhala kuratur biex jidher ghal eventwali kontumaci fil-qasma relattiva;

"Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attur il-pussess taz-zewg porjonijiet lilu hekk assenjati fi tlett xhur millum;

"Fil-kaz li l-istess smien jghaddi inutilment, tawtorizza lill-attur jiehu pussess huwa stess ta' dak assenjat lilu u jekk hemm bzonn bl-assistenza ta' marixxal jew ufficjal tal-Qorti;

"Tichad il-kontratalba;

"L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut."

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"B'verbal a fol. 23 il-partijiet qablu li minn meta giet prezentata c-citazzjoni l-oggetti mertu tal-kawza gew elenkati u stmati minn irkantatur.

"Fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut qal li hu qatt ma rrifjuta li jaqsam l-ghamara u l-oggetti kollha li kienu jezistu fil-

mument tal-mewt ta' missier il-kontendenti u jassenja lill-attur, huh, il-parti li tispetta lilu.

"Giet prezentata stima Dok AC1 a fol. 26 u pjan ta' divizjoni Dok AC2 a fol. 33 *et seq*.

"Ghalhekk dwar it-talbiet ta' l-attur kontenuti fic-citazzjoni tieghu m'hemmx x'aktar wiehed x'ighid.

"Fil-fatt il-kawza (ara verbal a fol. 23) fid-dawl ta' dana il-verbal, imbaghad imxiet fuq il-gbir ta' provi dwar il-kontro-talba tal-konvenut fejn qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li huwa intitolat ghall-kwarta parti mir-rikavat tal-bejgh tal-appartament ta' l-Imsida, rapprezentanti sehmu mill-prelegat lilu mholli minn missieru. Il-posizzjoni hi dik indikata fl-ittra tal-avukat tieghu ezibita a fol. 81. Hu qed jippretendi li meta sar il-kuntratt tad-9 ta' Mejju 2000 fol. 58 *et seq*. ghand in-Nutar M. Gambin li bih inbiegh il-flat fl-Imsida, sar zball fis-sens li hu kellu tlett kwarti tal-flat waqt li huh kellu kwart, mentri n-Nutar fuq insistenza ta' l-attur nizzel li l-partijiet kellhom nofs kull wiehed. Ghalhekk issa qed jippretendi li l-attur ghandu jaghtih kwart tar-rikavat tal-flat meta nbiegh.

"L-attur minn naha tieghu qed isostni li r-rikavat inqasam skond il-kwota tal-propjetà ta' nofs indiviz kull wiehed mill-partijiet fl-istess appartament. Illi l-legat fit-testment tal-11 ta' Dicembru, 1990 (Dok C mac-citazzjoni) tal-istess appartament favur il-partijiet, nofs indiviz kull wiehed, kien gie adempit favur il-konvenut (biss) *ai termini* tal-Artikolu 702(3) Kap 16 bis-sahha tal-kuntratt ta' donazzjoni tat-22 ta' Marzu, 1991 ippubblikat minn Nutar Voctor J. Bisazza. Fi ftit kliem l-attur qed jghid li l-konvenut kien ha sehemu (in-nofs) minn qabel, permezz ta' donazzjoni.

"Tikkunsidra

"Illi l-konvenut mhux qed jattakka l-kuntratt li sar ghand in-Nutar Gambin ghax kien hemm xi zball jew ghax l-attur qarraq bih, imma qed jitlob biss li hu jinghata l-kwart l-iehor sehemu mir-rikavat tal-bejgh tal-flat, haga li ma

tistax issir b'dan il-mod ghax din tirrikjedi azzjoni *ad hoc* f'istanza separata fejn il-konvenut jattakka dak il-kuntratt.

"Mill-kunttratt ta' bejgh ezibit a fol. 68 partikolarment a fol. 60 jirrizulta li qabel saret il-korrezzjoni, n-Nutar kien nizzel: *Without prejudice to the sale being made in solidum between the Sellers, it is being declared and agreed upon that this flat belongs three fourths (3/4) undivided part to the seller Antoine Cachia Caruana and one fourth (1/4) undivided part to Carmelo Cachia Caruana …* Imbaghad kienet saret il-korrezzjoni fejn in-Nutar nizzel li l-post kien (ara *postilla* 4 u 5 a fol. 61) li kellhom 1/2, *one half*, kull wiehed.

"Il-mara tal-konvenut kienet dehret ghalih fuq il-kuntratt u hi kienet marret bl-ideja li l-post kien ta' l-ahwa nofs bin-nofs imbaghad meta n-Nutar qara dak li kien hemm miktub, l-attur kien ikkorregih fis-sens li l-post kien tal-ahwa nofs bin nofs u fil-fatt saret il-korrezzjoni u mart il-konvenut ffirmat. Wara, meta hi qalet lil zewgha x'kien gara dana ma qabilx. Izda jekk mart il-konvenut kellha xi dubbji hi ma kelliex tiffirma u ma tkompliex bil-kuntratt sakemm taccerta ruhha ma zewgha kif kellha tipprocedi u jekk tiffirmax il-kuntratt. In-Nutar Gambin xehed li mir-ricerki irrizultalu li Carmelo kellu 3/4 u l-attur 1/4 imma fl-att jissemmew kwoti differenti. Mart il-konvenut kienet iffirmat u ma oggezzjonatx li jitnizzel li l-partijiet kellhom nofs kull wiehed.

"Dwar il-kwistjoni dwar pagament ta' taxxa fuq il-kuntratt, kien l-obbligu tal-konvenut li jindaga hu stess x'kellu jhallas bhala taxxa u mhux ihalli f'idejn huh.

"Il-flus, cioè ir-rikavat mill-bejgh inqasam ugwalment bejniethom, cioè nofs kull wiehed u mhux tlett kwarti u kwart, kemm ghal dak li jirrigwarda d-depozitu fuq il-konvenju kif ukoll il-flus fuq il-kuntratt.

"Inoltre jirrizulta mill-provi li l-konvenut kien iffirma d-denunzja jew kawza mortis fejn gie ddikjarat ukoll li l-ahwa kellhom nofs kull wiehed mill-post ta' missierhom. Il-konvenut ma oggezzjonax ghall dana.

"Kwantu ghall kontenzjoni tal-konvenut li hu kellu nofs il-post b'donazzjoni u nofs tan-nofs l-iehor b'testment, l-attur xehed li wara li huh, il-konvenut, kien ircieva nofs il-post b'donazzjoni minghand missieru, missieru kien ippropona wkoll li hu wkoll, cioè l-attur, jiehu n-nofs l-iehor in donazzjoni qabel il-mewt ta' missierhom biex ma jehlux taxxa tas-successjoni izda huwa m'accettax.

"Illi ghalhekk il-kontro-talba tal-konvenut ma tistax tigi milqugha."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
"… illi din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u ghalhekk filwaqt li tikkonferma il-parti tas-sentenza fejn tat lill-attur, bix-xorti iz-zewg porzjonijiet mill-mobbli u it-terz l-iehor jigi assenjat, in uzufrutt lill-konvenut, u wara mewt l-appellanti din l-istess parti tghaddi lill-attur ukoll, tilqa' il-kontro-talba tal-konvenut u b'hekk tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut is-somma mitluba fil-kontro-talba tieghu u in vista tal-fatt li l-appellanti kien gustifikat li ma jaccettax it-talba tal-attur ghall-qsim qabel ma tithallas is-somma imsemmija fil-kontro-talba l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati kollha mill-attur appellat";

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi "… huwa car li l-appell huwa purament frivolu u vessatorju u ghandu jigi rigettat u l-ewwel sentenza konfermata *in toto* bl-ispejjez kollha kontra l-appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad, qabel xejn, illi l-appell tal-konvenut huwa limitat ghal dak illi jirrigwarda c-cahda tal-kontro-talba tieghu;

Illi l-aggravju baziku tal-konvenut appellant kontra c-cahda tat-talbiet rikonvenzjonali tieghu fis-sentenza appellata, fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell, huwa s-segwenti:
"Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ewwel parti tal-konsiderazzjonijiet taghha tghid illi il-konvenut appellant mhux qed jattakka il-kuntratt li sar ghand in-nutar Gambin ghax kien hemm xi zball jew ghax l-attur tqarraq [*recte*: qarraq] bih imma qed jitlob li hu jinghata l-kwart sehemu mir-rikavat tal-bejgh tal-*flat* - haga li skond l-Ewwel Qorti ma tistax issir b'dan il-mod ghax din tirrikjedi azzjoni *ad hoc* f'istanza separata fejn il-konvenut jattakka dak il-kuntratt. Bir-rispett kollu l-esponenti ma jaqbilx ma' din il-konsiderazzjoni u dan stante li ma gietx qatt sollevata mill-attur in via ta' eccezzjoni ghall-kontro-talba u ghalhekk ma tistax tigi sollevata *sua sponte* mill-Qorti";

Ikkunsidrat:

Ghal dan l-aggravju l-attur appellat wiegeb hekk fil-paragrafu enumerat disgha (9) tar-risposta tieghu ghar-rikors ta' appell:
"Illi dwar l-aggravju li l-ewwel Qorti iddecidiet il-kontro-talba fuq punt li ma tqajjimx mill-esponenti fl-eccezzjonijiet tieghu, dina [*sic*] hija kompletament infondata. Fil-fatt l-esponenti fl-ewwel eccezzjoni ghall-kontro-talba jghid li ma ghandu jaghti xejn lil konvenut precizament ghax <u>*ir-rikavat inqasam skond il-kwota tal-propjetà ta' nofs indivis kul wiehed mill-partijiet fl-istess appartament*</u>. Ghalhekk il-qsim tal-flus kien jirrifletti ezatt il-kwoti. Isegwi li biex jinbidel il-qsim, l-ewwel jridu jinbiddlu l-kwoti u ma hemm l-ebda talba f'dan is-sens";

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eccezzjoni ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut taqra hekk (fol. 20):
"Illi l-attur ma ghandu jaghti xejn lill konvenut, wisq anqas is-somma ta' Lm6,625 rapprezentanti kwart mir-rikavat tal-bejgh tal-apartament 3 Valley Court, Zaccheus Street, Msida, stante li r-rikavat inqasam skond il-kwota tal-proprjetà ta' nofs indivis kull wiehed mill-partijiet fl-istess apartament";

Fil-fehma tal-Qorti l-eccezzjoni appena citata tammonta ghal sottomissjoni illi l-partizzjoni tar-rikavat tal-bejgh in kwistjoni saret *ai termini* tal-kwoti rispettivi tal-kontendenti rizultanti mill-kuntratt relattiv – (illi kopja tieghu hija esebita a fol. 58 sa 61) - u illi sakemm dik il-parti tal-kuntratt illi ssemmi dawn il-kwoti ma tigix attakkata gjudizjarjament - u eventwalment mibdula - l-azzjoni rikonvenzjonali tal-konvenut ma tistax tirnexxi;

Illi, konsegwentement l-aggravju in ezami tal-konvenut appellant mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, dan premess, ma hemmx lok illi jigi konsidrat il-kumplament ta’ dak illi jinghad mill-konvenut fir-rikors ta’ appell tieghu dwar ic-cahda tat-talbiet rikonvenzjonali tieghu;

Ghal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata, b’dan illi t-terminu ta’ tlett (3) xhur stabbilit sabiex il-“konvenut jikkonsenja lill-attur il-pussess taz-zewg porzjonijiet lilu hekk assenjati” ghandu jibda jiddekorri mil-lum;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------